MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 605/2004

Kawza fil-lista: 6

**Maltacom p.l.c.(C-22334)**
**Vs**
**Carmelo Agius (I.D. 846645M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ppremettiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet Maltacom plc kontra Carmelo Agius (Avviz Nru. 1339/97RCP) giet deciza min din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 1999, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Maltacom plc s-somma ta' Lm1124.18 (elf, mija erbgha u ghoxrin liri Maltin u tmintax-il centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 222577 li kien installat fil-fond 'Albence Bar' Cannon Road, Qormi, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-socjeta Maltacom plc illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta' rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm172.66 (mija tnejn u sebghin liri maltin u sitta u sittin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm479.65 (erbgha mija disgha u sebghin liri maltin u hamsa u sittin centezmu), imghax legali kkalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm1776.49 (elf, sebgha mija sitta u sebghin liri maltin u disgha u erbghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota risposta u hekk baqa' kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------